



Summit tal-Euro

Brussell, 20 ta' Marzu 2025
(OR. en)

EURO 504/25

EUROSUMMIT 2
TSGC 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tas-Summit tal-Euro (20 ta' Marzu 2025) – Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża d-dikjarazzjoni maqbula mis-Summit tal-Euro fil-laqgħa t'hawn fuq.

Dikjarazzjoni tas-Summit tal-Euro, imlaqqa' f'format inklużiv

1. Iddiskutejna s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali. Minkejja l-kuntest diffiċli ta' dawn l-aħħar snin, l-ekonomiji tagħna wrew reżiljenza sinifikanti. Politiki koordinati tajjeb u sodi żguraw l-istabbiltà ekonomika, hekk kif it-tnaqqis fl-inflazzjoni qed irawwem l-irkupru fl-introjt disponibbli tal-unitajiet domestiċi u t-titjib fil-kundizzjonijiet ta' finanzjament qed jappoġġa l-investment minkejja s-sitwazzjoni diffiċli. Is-suq tax-xogħol għadu reżiljenti. Madankollu r-riskji u l-inċertezzi ġeopolitiċi komplew jikbru. Għadna magħquda fid-determinazzjoni soda tagħna li nsaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomiji tagħna.
2. Filwaqt li nieħdu nota tal-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro tat-12 ta' Marzu 2025, intennu l-istedina tagħna lill-Grupp tal-Euro biex isegwi mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u fiskali.
3. Ninsabu impenjati li niżguraw politiki makroekonomiċi sodi u koordinati tajjeb li jtejb u l-produttività u jżidu l-investment, bil-ħsieb li nrawmu ekonomiji aktar b'saħħithom li jwasslu għal tkabbir sostenibbli u aktar inklużiv. Inħeġġu lill-Grupp tal-Euro jibqa' vigilant fil-monitoraġġ tal-iżviluppi tal-politika fiskali, filwaqt li jrawwem il-koordinazzjoni li tikkontribwixxi għal taħlita ta' politiki koerenti.
4. Nissottolinjaw is-sens ta' urġenza u r-responsabbiltà komuni biex isir progress rapidu u deċiżiv favur Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, b'enfasi partikolari fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex jiġi mobilizzat it-tfaddil u jiġi sfruttat il-finanzjament tal-investimenti meħtieġa biex tiġi sostnuta l-kompetittività tal-UE. F'dinja aktar frammentata u diġitali, l-aċċellerazzjoni tal-progress favur euro diġitali hija kruċjali biex issostni sistema Ewropea ta' pagament kompetittiva u reżiljenti, tikkontribwixxi għas-sigurtà ekonomika tal-Ewropa u ssaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. Nistiednu lill-President tal-Grupp tal-Euro jirrapporta regolarment dwar il-progress f'dawn l-inizjattivi.
5. Nilqgħu bi pjaċir il-progress tal-Bulgarija biex tadotta l-euro, abbażi tal-kriterji maqbula. Nistennu bil-ħerqa l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew.